28 ta' Ġunju, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Neg. Victor La Rosa ne. *versus* Neg. Carmelo Frendo ne.

**Prova — Dokumenti — Taxxa tal-Boll — Trade Mark — Art. 628, 630 u 632 tal-Kap. 15**

*Dokument konsistenti fi skrittura kontenenti dikjarazzjoni magħmula barra minn Malta fis-sens li ditta estera ċediet lill-attur id-drittijiet kollha tagħha relativament għal ċerta Trade Mark, verifikata dik id-dikjarazzjoni minn persuna li ratha tinkiteb jew tiġi firmata, huwa ammissibbli bħala prova ta' dik iċ-ċessjoni, purkè jkun ġie debitament bollat skond ma tiddisponi l-Liġi dwar it-Taxxa tal-Boll.*

*Jekk imbgħad dak id-dokument huwiex simulat, jew jekk huwiex validu jew le bħala ċessjoni skond il-liġi tal-pajjiż fejn sar, kwante volte din hi applikabbli, jew jekk għal xi raġuni oħra jiswiex jew le bħala operanti ċ-ċessjoni fih imsemmija, dawn huma kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kontenut u l-valur intrinseku tad-dokument, iżda mhux il-produċibilità tiegħu "sic et simpliciter".*

Il-Qorti;— Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-13 ta' Ottubru 1955, fejn hemm riassunti t-talbiet tal-attur nomine u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, u li biha ġew dikjarati ammissibbli d-dokumenti fil-fol. 15 u fil-fol. 16 sal-fol. 20 inkluživament tal-proċess; pero', riferibilment għad-dokument fil-fol. 15, li dan ma jistgħax jiġi ammess ħlief jekk, fi tmien tijiem żmien mill-jum tas-sentenza, l-attur iħallas lir-Reġistratur ta' dik il-Qorti l-ammont tat-taxxa li għaliha l-istess dokument hu suġġett skond l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll

(Kap. 68), flimkien mas-somma ta' £2; u l-istess attur ġie kundannat iħallas is-somma ta' £1 għall-penali skond l-art. 75 tal-Ordinanza fuq riferita;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar, 1956, li rrevokat dik il-parti tal-imsemmija deċiżjoni fejn ġie dikjarat ammissibbli (għal dak li hu valur probatorju) id-dokument fil-fol. 15, billi, skond l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell, kull deċiżjoni dwar dan il-valur probatorju ma setgħetx tingħata qabel ma ġew soddisfatti r-rekwiżiti tal-liġi fiskali, u ċaħdet l-appell tal-konvenut nomine kwantu għad-dokument fol. 16/20, bażat unikament fuq il-motiv proċedurali li din il-Qorti ddeċediet il-punt tal-valur probatorju tal-istess dokumenti meta dak il-punt, kif jallega l-appellant, ma kienx ġie diskuss;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-8 ta' Marzu 1957, li fiha ddikjarat ammissibbli bħala prova d-dokument riferit fol. 15, u rriżervat għas-sentenza fil-meritu d-deċiżjoni tal-ispejjeż tal-inċident; wara li kkunsidrat;

Illi skond l-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, id-deċiżjoni fuq indikata ta' din il-Qorti għadha wieqfa riferibilment għall-ammissibiltà bħala prova tad-dokumenti fil-fol. 16 sal- fol. 20 inkluživament tal-proċess;

Riferibilment għad-dokument fil-fol. 15, it-taxxa tal-boll li għaliha hu suġġett, il-lum ġiet imħallsa, u ġew ukoll imħallsin mill-attur il-penalitajiet li fihom inkorra talli ma kienx ħallas dik it-taxxa; u għalhekk il-Qorti tista' issa taqta' l-punt dwar l-produċibilità tal-istess dokument bħala prova;

Kif din il-Qorti wriet li tirritjeni, jista' jiġi miġjub bħala prova dokument bħal dak fil-fol. 15, konsistenti fi skrittura kontenenti dikjarazzjoni fis-sens li d-ditta "Svit

National Corporation" ċediet lill-attur id-drittijiet kollha tagħha relativament għat-Trade Mark "Bata", verifikata l-istess dikjarazzjoni bix-xhieda ta' persuna li ratha tin-kiteb jew tiġi ffirmata, kif jirriżulta mill-firma tal-istess persuna — Dr. Hugo Forster, Nutar Publiku — fuq l-istess dokument, firma awtentikata mill-Viċi Konslu ta' Praga;

Rat, fol. 114, in-nota tal-appell tal-konvenut nomine, u l-petizzjoni tiegħu, fol. 115, li biha appella mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tat-8 ta' Marzu 1957, u talab li tiġi revokata, billi jiġi konsegwentement deċiż li l-attur nomine ma pproduċiex prova tal-kwalità tiegħu msemmija fiċ-ċitazzjoni, u billi l-appellant jiġi liberat "ab observantia"; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi limitata għad-dikjarazzjoni li d-dokument "de quo" hu ammissibbli bħala prova;

Dak id-dokument hu "ex facie", skrittura privata li fiha saret ċessjoni mid-ditta "Svit" favur id-ditta attriċi tad-drittijiet kollha relativi għall-"marchio di fabbrica" BATA tal-istess ditta, użat f'Malta mill-1932 l-hawn. Din l-iskrittura ġiet iffirmata minn Dr. Ivan Holy, bħala direttur tad-ditta "Svit", quddiem in-Nutar Dr. Hugo Forster (fol. 123, 124); u l-firma ta' dan in-nutar ġiet debitament legalizzata mill-Awtorità Konsolari Ingliża ta' Gottualdov Czekoslovakia;

Anki jekk ma jistgħax jitqies bħala att ta' stabbiliment esteru skond l-art. 628 Kop. 15, jew bħala att ta' nutar publiku frustier skond l-art. 630 ibidem, id-dokument in parola hu dejjem ammissibbli bħala kitba li tista' tagħti informazzjoni dwar il-fattijiet tal-kawża, skond it-tieni subart. tal-art. 632;

Il-punt deċiż hu biss dak tal-produċibilità tad-dokument. Jekk id-dokument huwiex simulat, jew jekk hux validu jew le bħala ċessjoni skond il-liġi tal-pajjiż fejn sar, kwante volte din hi applikabbli, jew jekk għal xi raġuni oħra jiswiex jew le bħala operanti ċ-ċessjoni fih imsemmija, dawn huma kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kontenut u l-valur intrinseku tad-dokument, iżda mhux il-produċibilità tiegħu "sic et simpliciter";

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-konvenut nomine appellant. Tordna r-rinviju tal-proċess lill-Ewwel Qorti.